# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju 2002.**

**Kawza Numru: 4**

**Citaz. Nru. 733/97 GV**

**Doc 273-02**

**Vincenzo u Saverina konjugi Russo**

**Vs**

**U.C.I.M. Co. Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-atturi ppremettew li xtraw karozza tal-marka Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni BAA 584 fil-5 ta' Marzu 1996;

Premess illi meta fil-21 ta' Frar 1997 hadu l-karozza ghas-*service*, saru jafu li kellha l-*body* gia wweldjat;

Premess illi ghalhekk ghandu jirrizulta li l-karozza ghandha difett latent li gie skopert biss ricentament;

Premess illi s-socjeta' konvenuta kienet interpellata biex taghmel tajjeb ghal tali difett izda baqghet inadempjenti:

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-karozza Fiat Uno numru ta' registrazzjoni BAA 584 ghandha difett latent ai fini ta' l-artikolu 1427 tal-Kap. 16;

2. Tordna lis-socjeta' konvenuta tirrifondi dik il-bicca mill-prezz li tirrifletti kemm kienet tkun tiswa aktar il-karozza mankanti d-difett u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa

Illi l-vettura in kwistjoni hija koperta minn garanzija ad hoc li teskludi l-garanzija kontra d-difetti mohbija prevista mill-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Subordinatament u minghajr pregudizzju, it-tieni talba fic-citazzjoni, kif formulata, qatt ma tista' tigi akkolta;

Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, fil-meritu mhux minnu illi l-karrozza in kwistjoni ghandhq difett latent kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal a fol. 51 li bih giet irtirata l-ewwel eccezzjoni;

Rat id-degriet a fol. 52 (u 54) li bih gie nominat Joseph Zammit bhala espert tekniku;

Rat ir-relazzjoni tal-espert a fol. 72B;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti kienet innominat lil espert mekkaniku Joseph Zammit biex jisma x-xhieda u jirrelata dwar it-talbiet attrici.

L-espert ipprezenta r-rapport tieghu fejn hu kkonkluda li l-karozza ta' l-atturi ma fiha ebda difett latenti.

Il-Qorti regghet ezaminat il-provi prodotti, semghet ix-xhieda u rat il-konkluzzjonijiet tal-espert tekniku, u tasal ghall istess konkluzzjonijiet raggjunti mill-perit.

Illi l-atturi ma rnexxiluhomx jippruvaw f'dina l-kawza li s-socjeta' konvenuta ghamlet xi xoghol ta' *welding* fil-karozza taghhom. L-atturi kienu baqghu juzaw il-karozza sa sena wara li xtrawha meta ndunaw li kien hemm l-allegat difett. Is-socjeta' konvenuta (ara xhieda Emanuel Micallef) gabet provi (ara *job cards*) li qatt ma saru *repairs* fuq il-vettura (*body repairs*) fol. 83; u li qatt ma sar minnhom xoghol ta' *welding* fuq il-

vettura (fol. 84). S. Saliba cahad li hu qal lill-atturi li l-vettura kien fiha difetti.

Ghalhekk it-talba attrici l-ewwelnett ma tistax tirnexxi ghax l-atturi ma ppruvawx li l-*welding* (li sar goff / *rough*) fuq dak originali tal-fabbrika sar mis-socjeta' konvenuta.

Imma t-talba attrici wkoll ma tistax tirnexxi ghaliex ma jirrizultax li dak li qed jilmentaw minnu l-atturi, huwa difett. Dan ikkonfermah l-espert mekkaniku li ezamina l-vettura. Hu kkonkluda li l-*welding* kien bla skop u sar inutilment u ghandu jitnehha mill-atturi. Dan il-*welding* lanqas ma jikkawlifika bhala xi haga 'gravi' li tista' taghti lok ghall azzjoni aestimatorja. Biex ikun hemm lok ghall azzjoni bazata fuq dina l-garanzija jehtieg li jkun hemm difett u li dan id-difett ikun ta' certa' gravita'. F'dan il-kaz la hemm wiehed u lanqas l-iehor. "B'vizzju jew difett ghandu wiehed jifhem kull anormalita' jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija, li tigi riskontrata fil-haga, u li, aktar jew anqas, tnehhilha l-attitudini ghall-uzu jew il-bonta' u l-integrita' taghha" Borg vs Petroni Vol 38 p 1 p279.

Il-Qorti, wara li regghet ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit nominat, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnhu raggjunti huma korretti u ghandhom jigu akkolti u l-Qorti qed taghmillhom taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

**ONOR. IMHALLEF  GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**